MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Numru. 140/1997

**<u>Il-Pulizija</u>**
**<u>(Supretendent Silvio Valletta)</u>**
**<u>Vs</u>**
**<u>Dominic Ebejer u Raymond Micallef</u>**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati u dan talli nhar it-8 ta' Marzu, 1997 fi Triq Maitland, Hamrun ghal habta tal-5:00pm:

a. Attakkaw u ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika u kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku Pulizija filwaqt li kienu qed jagixxu ghal ezekuzzjoni tal-ligi.

b. Ingurjaw jew heddew persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-

hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

c. Kisru l-bon ordni u l-paci pubblika.

d. Ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Azzopardi, hekk kif iccertifika Dr. Muscat M.D. ta' Floriana Health Centre.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, semghet lill-imputati jiddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni ghal din il-procedura u li huma mhix hatja tal-akkuzi.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzati minn jeddhom.

Semghet it-trattazzjoni.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-<u>Ufficjal Prosekutur</u> spjega (fol 20 et seq ibid) illi fit-8 ta' Marzu, 1997 kien gie informat dwar incident f'blokk ta' appartamenti f'Triq Maitland, Hamrun bejn abitanti tal-istess blokk u meta mar fuq il-post kien sab lil certu Joseph Azzopardi li allega li l-inkwilin tal-appartament sitwat taht dak fejn jirrisjedu hu, kienu aggredew lill-istess Azzopardi u "ma kienux qeghdin ihalluh jidhol...".

L-Ufficjal Prosekutur dahal gewwa u meta tela' t-tarag sab liz-zewg akkuzati, b'Dominic Ebejer eccitat waqt li l-iehor kien qed jipprova jikkalma s-sitwazzjoni. Dawn allegaw illi kien Joseph Azzopardi li kien aggredihom "permezz ta' baskett b'xi affarijiet go fih". Difatti fl-art kien hemm hgieg, aktarx ta' flixkun, patata, u affarijiet ohra vegetali. Hawnhekk l-akkuzati kienu rrifjutaw ghal darbtejn li jmorru fl-ghassa. Minhaba hekk, ix-xhud kien kostrett li jibghat ghall-assistenza tal-Pulizija, hamsa b'kollox, li kienu di gja barra mill-istess blokk. Difatti "b'hafna diffikulta u b'resistenza kbira" dawn il-Pulizija rnexxilhom jiehdu bil-

forza lill-akkuzati l-hemm avolja "...anke qabdu mal-hadid".

F'hin minnhom, Raymond Micallef ipprova jhebb ghall-Pulizija, wara li kien iddahhal diga, f'karozza tal-Pulizija meta ra lill-Pulizija jdahhal lill-akkuzat l-iehor f'karozza ohra. Ix-xhud semma illi kien iddecieda li jarresta lill-akkuzati meta Raymond Micallef kien indirizza kliem bhal "qahba" fil-konfront ta' Carol Bianco meta din kienet fuq il-post. Inoltre Joseph Azzopardi ntbaghat fil-Poliklinika ghall-kura.

Dwar il-premess <u>WPS95 Jeanne Farrugia</u> (fol 30 et seq ibid) irceviet ir-rapport li sar minn Joseph Azzopardi li qalilha li kien tiela' t-tarag tal-istess blokk fejn tirrisjedi l-habiba tieghu, Carol Bianco u hawnhekk kien gie avvicinat mill-akkuzat Dominic Ebejer flimkien ma' Raymond Micallef in rigward "xi kitba" dwar "ghamara fil-"common parts". Difatti Domenic Ebejer kien qallu li ma kienx ser inehhi dik l-ghamara, u tista' tghid fl-istess waqt, l-istess Ebejer kien aggredih bi flixkin u kien bata ferita hafifa fuq subajgh iz-zghir ta' idu l-leminija. Skont dejjem ma qalilha Joseph Azzopardi, hu kien iddefenda lilu nnifsu permezz tal-basket mimli haxix li kien f'idu. Meta x-xhud marret fuq il-post hi kienet rat hgieg mal-art, pero', skont l-istess xhud kien <u>hgieg abjad</u> tal-ghamara li kien hemm fil-partijiet komuni u mhux ta' flixkun. Inoltre ix-xhud kien ra, fit-tarag, haxix.

Meta l-istess xhud tkellem ma' l-akkuzat fl-appartament tal-akkuzat Ebejer, dan spjega l-kwistjoni li kien hemm bejnu u Caroline Binaco dwar l-istess ghamara fil-partijiet komuni. Inoltre kif l-akkuzati kienu nhargu mill-appartament, hi kienet rat lill-istess Caroline Bianco li bdiet tghajjat, (ara wkoll ix-xhieda ta' <u>PC490 John Darmanin u PC706 Norman John Cremona</u> a fol 47 u fol 50 et seq ibid).

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi <u>Joseph Azzopardi</u> (fol 15 et seq ibid) xehed illi meta ghall-habta tal-10:00am jew wara, hu kien irritorna lura "...

il-mara tieghi qaltli (mill gallerija) sabiex ma nidholx gewwa peress ... li kien hemm tnejn... jistennewni b'sikkina" ossija "Duminku u l-iehor". Wara li mar fl-ghassa sabiex jaghmel rapport, hu mar lura u kif kien tiela t-tarag, hu ra' lil Domenic Ebejer mal-poggaman u l-akkuzat l-iehor mistohbi wara l-bieb tal-appartament tal-istess Ebejer. Hawnhekk wara li Ebejer irrefera ghal xi ghamara fit-tarag, dan l-akkuzat qabad flixkun tal-inbid bil-qiegh imkisser u "faqqali daqqa" u x-xhud ntlaqat fuq subajgh iz-zghir ta' idu l-leminija. Inoltre intervjena wkoll l-akkuzat l-iehor. F'dan l-istadju, x-xhud qal "... kellhom sikkina wara daharhom" u "waqt lit-tnejn johorgu sikkina minn naha ta' wara tal-qalziet taghhom".

Minhabba hekk, skont ix-xhud, hu telaq jigri l'hemm lejn l-ghassa tal-Pulizija. Bhala spjegazzjoni ta' dan l-incident, ix-xhud irrefera ghal ittra bl-avukat mibghuta lil Domenic Ebejer in konnessjoni ma' guva tal-ghasafar li tpoggiet fuq il-bejt mill-akkuzat Ebejer u ma' kaxxa ohra kbira fuq l-istess guva, b'hafna imbarazz go fiha kif ukoll kwistjoni dwar inxir u oggetti ohra li jinsabu n-naha ta' isfel tal-appartamenti u kelb. Inoltre wara l-incident hu kien gie esaminat minn Tabib li rrilaxxja certifikat mediku.

Illi <u>Caroline Bianco</u> (fol 26 et seq ibid) bdiet billi tghid illi, waqt li kien gewwa l-appartament fejn tikkoabita ma' Joseph Azzopardi kienet semghet storbju, ghajjat u kliem oxxen indirizzati lejn omm is-sieheb taghha u kif fethet il-bieb biex tittawwal barra, rat iz-zewg akkuzati jdahhlu sikkina wara daharhom. Minhabba dak li kienet rat hi harget fil-gallerija sabiex tistenna lil Joseph Azzopardi u meta dan ratu, qaltlu sabiex imur ghand il-Pulizija. Dan gie lura, wara ftit, u kif kien tiela' t-tarag intqal xi diskors bejnu u l-akkuzat Ebejer dwar bicca ghamara u hawnhekk, l-istess Domenic Ebejer qabad flixkun tal-inbid li kien diga mkisser u ta daqqa bih lil Azzopardi u laqtu fuq subajgh iz-zghir ta' idu l-leminija. Meta gara hekk, Joseph Azzopardi rega' hareg il-barra.

## <u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-akkuzati</u> xehedu minn jeddhom u:

a) Domenic Ebejer (fol 56 et seq ibid) qal li kienet Caroline Bianco li bdiet tghajjarhom "...meta kien hemm diga l-Pulizija". Inoltre kien qed johrog oggetti minn twaletta tieghu li kien hemm fil-partijiet komuni u gie Joseph Azzopardi tah daqqa fuq rasu, b'basket mimli affarijiet bhal haxix, platt u flixkun u ghalhekk kien mar ghand il-Pulizija. Hu cahad li kien ghamel xi haga lill-istess Azzopardi izda meta kien hemm il-Pulziija dawn kienu zammewh milli jhebb ghal Caroline Bianco li kient qed tghajjru.

b) Raymond Micallef (fol 63 et seq ibid) xehed li waqt li kienu qeghdin jsajjru, l-akkuzat l-iehor kien mar jgib patata minn barra l-appartament u kien ra ragel li joqghod fuq l-appartament tal-ko-akkuzat jaghtih daqqa lil dan b'basket tal-plastik kontenenti platti u mbarazz. Hu cahad li siehbu kien ta xi daqqa b'flixkun lill-Azzopardi. Inoltre meta gew il-Pulizija, Caroline Bianco tkellmet hazin u offendiethom u l-akkuzati kienu wegbuha fl-istess mod.

**Ikkunsidrat**

Illi, in rigward l-akkuza markata (d) ma ngabet ebda prova medika sabiex il-Qorti tkun sodisfatta li Joseph Azzopardi sofra l-ferita ta' kwalunkwe xorta. Ghalhekk fin-nuqqas tal-ahjar prova f'dan ir-rigward, l-akkuzati ma jistghux jinstabu hatja ta' din l-akkuza.

Illi in rigward l-akkuzi l-ohra jidher car u pruvat minghajr ma jissussisti dubbju dettat mir-raguni illi l-akkuzati, meta kienu qeghdin jigu arrestati mill-Pulizija ghamlu resistenza attiva fil-konfront tal-Pulizija, kisru l-bon ordni u l-paci pubblika fl-incident in esami. Pero' ma rrisultax mill-istess provi illi l-akkuzati, b'xi mod, ingurjaw jew heddew il-Pulizija waqt li dawk inovluti kienu qed jarrestawhom.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, filwaqt li ssib lill-akkuzati mhux hatja tal-akkuzi b) u d) u tilliberahhom minn dawn l-akkuzi, issib lill-istess akkuzati hatja talli nhar it-8 ta' Marzu 1997 fi Triq Maitland, Hamrun ghal habta tal-5:00pm:

a) attakkaw u ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika u kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku Pulizija filwaqt li kienu qed jagixxu ghal ezekuzzjoni tal-ligi u c) kisru l-bon ordni u l-paci pubblika u dan skont l-artikoli 96 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali.

In rigward il-piena, wara li rat li mal-atti ma gietx annessa l-fedina penali tal-akkuzati, il-Qorti thoss li dan l-incident ma kellu ebda konsegwenza gravi u ghalhekk tara li ghandha tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ghadghom jigu liberati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------